**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 141/19 AGV**

AB f'isimha proprju u f'isem binha minuri CB

Vs

DE

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fil-25 ta' Dicembru, 2009 l-attrici welldet tifel bl-isem ta' CB, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 70/2010 hawn anness u mmarkat Dok.A.

2. Illi l-attrici taf illi missier il-minuri CB huwa l-konvenut DE.

3. Illi l-konvenut qatt ma ried jirrikonoxxi lil ibnu u qatt ma mantnih u dan minkejja illi gie interpellat, kif jirrizulta minn ittra interpellatorja mmarkata Dok. B.

4. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' ta' binha ukoll permezz ta' fatti bhal testijiet xjentifici.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1.Tiddikjara illi l-konvenut DE huwa l-missier naturali ta' binha CB.

2.Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri **CB** (Att nurmu 70/2010) billi fil-kolonna intestata: "isem u kunjom missier it-tarbija" jigi jaqra **DE;** u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument tal-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u tar-residenza u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu ndikati konsegwentement billi jigu ndikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna "id-dokument tal-identita'" jigi jaqra **85590 (M),** taht il-kolonna eta' jigi jaqra **19**; taht il-kolonna "twieled" jigi jaqra **Pieta' Malta**, taht il-kolonna "joqghod" jigi jaqra **San Pawl il-Bahar** u taht il-kolonna "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" jigi jaqra **F (haj).**

3.Tordna illi l-kunjom tal-minuri jigi jaqra E.

Bl-ispejjes u bil-konvenut jigi ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut illi eccepixxa:-

1.Illi huwa jaqbel mal-attrici illi huwa l-missier il-minuri mwieled minnha tant illi fil-bidu ta' dan ix-xahar, ftit gimghat qabel ma biss ircieva r-rikors biex jaghti bidu ghall-kawza ta' filjazzjoni huwa pprezenta ittra ufficjali fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap.6 tal-Ligijiet ta' Malta (Ara Dok. A anness).

Illi huwa jsostni illi kienet l-attrici illi qatghet kull kuntatt mieghu u ma kinitx semplicement kwistjoni li huwa ma riedx jirrikonoxxi lil ibnu kif jista' jigi ppruvat ampjament waqt il-kawza odjerna, jekk ikun il-kaz.

Illi di fatti meta l-attrici uriet ruhha disposta illi tali rikonoxximent isir (Ara dok. B anness) huwa wera ruhu dispost li jikkollabora, primarjament billi baghtilha ittra fejn qal illi huwa jixtieq jaghmel it-test tad-DNA (Ara Dok. C anness) izda meta hija rrispondiet illi dan ma kienx necessarju (Ara Dok. D anness) huwa qabel maghha u fi zmien qasir intavola l-ittra ufficjali rikjesta mil-ligi ghar-rikonoxximent tal-minuri.

Illi ghalkemm jidher mill-atti illi din il-kawza giet intavolata ftit granet qabel huwa ma kienx edott minn dan il-fatt bhalma del resto jidher illi ma kinitx edotta l-attrici mill-fatt illi huwa ntavola l-imsemmija ittra.

Illi l-esponenti m'ghadux jinsisti fuq il-htiega illi jsiru testijiet tad-DNA u lest li jiehu r-responsabbilita' ta' ibnu fuqu. Kien proprju ghalhekk illi

baghat jinforma lir-rikorrenti b'ittra datata 12 ta' Gunju, 2019 (Ara dok.E anness) u sussegwentement mexxa bl-ittra ufficjali.

Illi ghaldaqstant ghalkemm huwa ma jopponix it-talbiet attrici jhoss illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjes ta' din il-kawza stante illi kien jidher bic-car illi huwa kien qed jikkollabora mal-attrici sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri u l-intavolar ta' din il-kawza kien intempestiv fic-cirkustanzi kif ukoll ghaliex jekk ir-rikorrenti tirrispondi ghall-ittra ufficjali illi ntavola hu din il-kawza tkun sorvolata u tkun tista' tigi ceduta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2019 il-partijiet qablu fuq il-mertu tal-kaz, izda baqghu in kontestazzjoni l-ispejjes.

**IKKUNSIDRAT;**

Il-konvenut qed jikkontesta ghall-ispejjes peress li fid-9 ta' Lulju, 2019 kien ipprezenta ittra ufficjali lill-attrici fejn talabha li dispost jirrikonoxxi lill-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, fil-fehma tieghu ma kienx hemm il-htiega li tinfetah il-kawza odjerna.

L-attrici kienet bdiet it-triq ghar-rikonoxximent tal-minuri fis-6 ta' Marzu, 2019, meta baghtet ittra lill-konvenut.[1] Minkejja li dejjem kien hemm qbil li l-minuri huwa bin il-konvenut, tqajmet kontestazzjoni fuq il-hlas tal-ispejjes tad-DNA li nel frattemp ma sarux, bil-konsegwenza li l-attrici kellha tipprocedi bil-kawza odjerna li nfethet fl-4 ta' Gunju, 2019, filwaqt li l-istess ittra ufficjali tal-konvenut kienet ipprezentat fid-9 ta' Lulju, 2019 u cioe' prattikament xahar wara.

Jirrizulta wkoll mill-atti processwali li kien biss fit-30 ta' Lulju, 2019, wara diversi tentattivi biex jigi notifikat, li l-konvenut ta ruhu b'notifikat u ma ssemma xejn dwar l-ittra ufficjali, hlief meta pprezenta r-Risposta tieghu.

Skond l-Artiklu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-missier jew persuna interessata li tista' tipprezenta n-nota u ghalhekk l-attrici ma kinitx fl-ebda stadju f' posizzjoni li taghmilha u l-unika triq kienet li tibda bil-proceduri. Il-konvenut kellu l-opportunita' li jinfurma lill-attrici li se jipprezenta n-nota, minflok baqa' jirrifjuta li jhallas nofs l-ispejjes tad-DNA, kif ghamel fl-ittra mibghuta mill-avukat tieghu datata 2 ta' April, 2019. Ghal darb'ohra ma segwix il-prassi necessarji u legali meta rega' gie rinfaccjat bil-ittra tal-avukat tal-attrici datata 10 ta' April, 2019 u baqa' sad-9 ta' Lulju, 2019 biex ipprezenta l-ittra ufficjali ghar-rikonoxximent tal-minuri, meta kien tard wisq, stante li l-attrici kienet diga' pprocediet bil-kawza ta' filjazzjoni.

Fl-apprezzament tal-fatti, dina l-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjes ta' din l-istanti.

[1] Ara Dok.B

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-talba attrici u torda li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel is-segwenti korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri CB bin-numru 70/2010 billi fil-kolonna intestata: "isem u kunjom missier it-tarbija" jigi jaqra **DE;** u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument tal-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u tar-residenza u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu ndikati konsegwentement billi jigu ndikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna "id-dokument tal-identita'" jigi jaqra **85590 (M),** taht il-kolonna eta' jigi jaqra **19**; taht il-kolonna "twieled" jigi jaqra **Pieta' Malta**, taht il-kolonna "joqghod" jigi jaqra **San Pawl il-Bahar** u taht il-kolonna "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" jigi jaqra **F (haj).**

3. Tilqa' t-tielet talba. Tordna illi l-kunjom tal-minuri jigi jaqra E.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**